MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Numru. 3/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Peter Sammut**

Numru 3/2014

Illum 14 ta' Jannar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Peter Sammut**, ta' disgha u sittin (69) sena, iben Saviour u Carmena neé

Cordina, imwieled Nadur, Ghawdex, nhar il-31 ta' Mejju 1944, residenti fil-fond numru 89, Triq il-Knisja, Nadur, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 54044(G),

akkuzat talli nhar it-30 ta' Lulju 2013, ghall-habta tas-sebgha nieqes kwart ta' filghaxija (6:45p.m.) waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Suzuki Alto, bin-numru tar-registrazzjoni FBD 902, fi Triq it-Tigrija, Nadur, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. b'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku habat mal-mutur tal-ghamla Honda XR bin-numru tar-registrazzjoni KBM 419 u nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Daniel Camilleri skont kif iccertifika Dr. P. Xiberras M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Suzuki Alto, bin-numru tar-registrazzjoni FBD 902, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nvolontarjament ikkaguna hsara fuq il-mutur tal-ghamla Honda XR bin-numru tar-registrazzjoni KBM 419 u dan a dannu ta' Daniel Camilleri u/jew persuni ohra.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat, f'kaz ta' htija, jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzija tas-sewqan ghall-perjodu li din il-Qorti jidhirlha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet uhud mix-xhud mrsessqa mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari lill-kwerelant Daniel Camilleri li ghazel li jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat (*a fol.* 11).

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2015, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-Artikolu 392(1)(b) u **fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri**, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta' mhux aktar minn għaxar snin priġunerija, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha" [emfazi mizjuda].

Illi, minkejja li meta nqraw l-imputazzjonijiet bil-gurament fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 4) l-imputat wiegeb li ma kienx hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, bis-sahha tal-emenda fil-ligi kif indikata fil-paragrafu precedenti, ladarba l-imputat irregistra ammissjoni f'dan l-istadju tal-proceduri, il-Qorti prezenti tista' tikkonverti ruhha f'wahda ta' Gudikatura Kriminali u tista' tghaddi sabiex taghti s-sentenza fil-konfront tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, il-fedina penali tieghu (Dok. "B" – *a fol.* 10) (li hija wahda kompletament nadifa), l-istqarrija rilaxxata mill-imputat (Dok. "BCS 1" – *a fol* 18), u kif ukoll il-fatt li l-kwerelant irrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat. Tenut kont ta' dan kollu u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 226(1)(a) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Peter Sammut hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf u tlitt mitt Euro (€1300).

*Ai termini* tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-

sewqan tal-imputat ghal zmien erba' (4) xhur li jibdew jghoddu minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------